SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12,
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif  Minuti 17/K5/06

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 11/05/'06** **206**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 11/05/'06** **259**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 11 ta' Mejju 2006.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.00 p.m.

1.03 Preżenti: Seba' membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Kien hemm preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fil-5 ta' Mejju 2006.  L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapporti Finanzjarji
4. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello informa lill-Kunsill li l-Minuti tal-laqgħa Rif. 16/K5/06 ser jitressqu għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

1.3.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 1888 | E-mail mingħand il-Kumitat Konġunt Sliema rigward il-Green Wardens. |
| 2026 | Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar rigward il-Proġett f'Ta' Ġiorni. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru. 2026

B'riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar rigward konferma għall-finanzjament tal-Proġett f'Ta' Ġiorni ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lid-Direttur tal-Bini u Tiswija ta' Djar.

2.03 Il-Kunsillier David Borg wasal fl-4.10 p.m.

2.04 Il-Kunsillier Norman Vella wasal fl-4.15 p.m.

**3. Rapporti Finanzjarji**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2006 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker taw spjegazzjoni.

3.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2006.

3.04 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja ta' l-Estimi Annwali riveduti għas-sena finanzarja 2006/2007 (Ara Appendiċi 'B').

3.07 L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker taw spjegazzjoni.

3.08 Wara diskussjoni qasira l-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni ta' l-Estimi Annwali għas-sena finanzarja 2006/2007.

3.09 Il-Kunsillier Edgar Montanaro issekondaha.

3.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.11 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-Business Plan għas-sena finanzarja 2006/2008. (Ara Appendiċi 'Ċ')

3.12 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Business Plan għas-sena finanzarja 2006/2008.

3.13 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

3.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.15 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-Financial Statements għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Marzu 2006. (Ara Appendiċi 'D')

3.16 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Marzu 2006.

3.17 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

3.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.19 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Louis Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv.

3.20 Is-Sur Padovani ġie skużat fil-5.30 p.m.

**4. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

4.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

4.03 Il-Kunsillier David Borg issekondaha.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets min-numru 2020 sa l-2047 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ’F’).

5.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets mill-2020 sa l-2047.

5.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6. Materji Oħra

6.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

6.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

6.03 Il-Kunsill ġie nformat illi għal sena oħra konsekuttiva ser isir avviż fil-gazzetta tal-Gvern sabiex jitnaddaf Xatt is-Sajjieda. Ġie deċiż unanimament li jingħata tmient ijiem żmien mid-data li jidher dan l-avviż qabel isir it-tindif.

6.04 Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker nformat lill-Kunsill li saret il-laqgħa ma’ Father Hilary Tagliaferro dwar il-pagamenti li qed isiru għat-tindif tal-Millenium Chapel; għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll il-Kunsillier Richard Scicluna. Fr. Tagliaferro ġie nfurmat illi minħabba proċeduri finanzjarji, l-Kunsill ma jistax jibqa’ juża s-sistema preżenti. Għalhekk wara spjegazzjoni ġie nfurmat li:-

- l-Kunsill ser jiġbor kwotazzjonijiet biex il-Millenium Chapel tinżamm nadifa peress li din qed tintuża bħala Day Care Centre u biex jingħataw servizzi oħra lill-kommunita’.

- li l-pagamenti isiru direttament lil min jingħażel biex jagħti dan is-servizz.

6.05 Fr. Tagliaferro ġie nfurmat illi dan huwa l-aħħar xahar li qed isir il-pagament lill-Millenium Chapel.

6.06 Il-Kunsill ġie ppreżentat bi tlett kwotazzjonijiet li nġabru għat-tindif tal-Millenium Chapel (Ara Appendiċi ‘Ġ’).

6.07 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Karl Gouder ippropona li tingħażel l-aktar offerta vantaġġjuża, dik tas-Sinjura Doris Micallef.

6.08 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

6.09 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.09 Ġie deċiż unanimament li:-

- tintalab kwotazzjoni sabiex tiġi rranġata l-bankina ta' Fuq il-Ġonna

- tintalab kwotazzjoni sabiex tiġi rranġata t-triq ta' bejn Triq Wied Għomor u Triq Forrest

- isir bus shelter f'Ta' Ġiorni Road, minn tal-Faces Consultants Ltd., faċċata ta' dak li diġa hemm.

- nhar l-Erbgħa 24 ta' Mejju 2006, fl-4 p.m., jiltaqgħu l-Kunsilliera sabiex jiġu diskussi l-ittri li l-Kunsill irċieva dwar l-Iskema tar-Residents' Parking.

6.10 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil-6.15 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |